MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1669/2010

**GO plc – C22334**
**vs**
**Ritianne Sammut – ID-444279-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess Socjeta` attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta' Maltacom plc, is-somma ta' tmien mija u hmistax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€815.75c), in konnessjoni ma' diversi servizzi kont numru 40097917; li interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas il-konvenut baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni bl-imghax u bl-ispejjez.

Dokumenti mehmuza Dok "A" prospett kont numru 40097917; Dok "B" kuntratt datat 2 ta' Frar 2009 (Re: 21234014); Dok "C" kuntratt datat 2 ta' Frar 2009 (Re:

Telvision 1425070609 u 1425070610); Dok “B” estratt mir-Registru Elettorali.

Ra illi ghalkemm il-konvenuta giet notifikata naqset milli tipprezenta risposta. Madanakollu dehret fis-seduta tallum u ddikjarat li l-ammont pretiz mis-Socjeta` attrici huwa dovut.

Illi fid-dawl ta’ tali ammissjoni t-Tribunal jilqa’ it-talba tas-Socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess Socjeta` attrici l-ammont ta’ tmien mija u hmistax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€815.75c) bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------